# 1

## Qari

### Ir-Reġina tal-Palazz l-Iswed

Ħafna snin ilu, f'pajjiż mhux wisq 'il bogħod minn hawn, kien hemm kastell kbir iswed li fih kienet toqgħod ir-reġina ta' dak il-pajjiż. Ħadd ma kien jaf kemm kellha żmien. Xi xjuħ kienu jgħidu li kellha aktar minn mitejn sena u oħrajn kienu saħansitra jgħidu li kienet ilha tgħix mill-bidu nett tad-dinja.

Kemm kellha żmien mhuwiex daqshekk importanti, iżda żgur li jinteressana kif Xepaxupù bdiet taħkem fuq dan il-pajjiż ġar tagħna u kif il-kastell tagħha kien iswed meta s-soltu l-kastelli jkunu bojod, tal-ħġieġ, tal-fidda jew tad-deheb. Kif nafu din l-istorja? Nafuha għaliex f'dan il-pajjiż kien hemm erba' nisa twal ħafna li kienu dejjem magħluqin fil-librerija l-kbira tal-kastell, jiktbu l-kotba tal-istorja. U dawk il-kotba, li llum ħadd ma jaf x'sar minnhom, kien hemm fihom it-tweġibiet għall-mistoqsijiet kollha tad-dinja, fosthom kif Xepaxupù bdiet taħkem il-pajjiż. B'xorti tajba, xi xjuħ li kienu qraw l-istorja ta' Xepaxupù baqgħu jirrakkontawha lil ta' warajhom.

Meta kienet għadha tarbija, Xepaxupù kienet tibki ħafna. Lejl u nhar. Il-biki tagħha kien jinstema' anki min-naħa l-oħra tad-dinja. Missierha, ir-Re Muntumaws, ma felaħhiex aktar u allura sejjaħ lill-iqsar suldat li kellu u qallu biex imur 'il bogħod u jitfa' lil Xepaxupù ġol-Ħofra tas-Silġ: ħofra fonda li minnha ħadd ma jista' jitla'. L-iqsar suldat kellu pass żgħir ħafna u sakemm wasal ħdejn il-Ħofra tas-Silġ, Xepaxupù leħqet kibret u bdiet timxi u titkellem u ma baqgħetx aktar tarbija. Meta fl-aħħar waslu ħdejn il-Ħofra tas-Silġ, Xepaxupù kienet laħqet twalet aktar mill-iqsar suldat u meta dan ġie biex jixħitha fil-ħofra, qabditu minn spallejh u tefgħet lilu minflok.

Xepaxupù bdiet tfittex fejn se toqgħod. Bdiet nieżla x-xita u bdiet iddejjaqha. L-ilma ma tantx kien ħabib tagħha. Bdiet miexja u mbagħad bdiet tiġri sakemm fl-aħħar iltaqgħet ma' xiħ b'xagħru kafellatte li b'xi mod dan ma bediex jixxarrab bix-xita. "Isma', sinjur," qaltlu, "dan kif ix-xita nieżla kullimkien, jien sirt għasra u int għadek niexef?" U x-xiħ weġibha, "Eh, dak għax jien twelidt ġo mandolina. Min jitwieled fil-mandolin, ma jixxarrabx bix-xita. U int fejn sejra bħalek?" "Sejra nfittex dar," qaltlu Xepaxupù. "Hawn m'hawnx djar, binti. Imma jekk iġġorrni fuq dahrek, nieħdok ġo għar kbir u jekk l-ewwel patata li tara tqaxxarhieli u ssajjarhieli, kulma nsibu fl-għar ikun tiegħek."

Ftit sekondi wara, ix-xiħ kien fuq dahar Xepaxupù u hi ma baqgħetx tixxarrab. Bdiet miexja u miexja u ħin minnhom, f'nofs għalqa kbira b'ħamrija vjola, rat patata, niżlet tiġborha u qaxxritha bi snienha. Imbagħad qabbdet ftit nar u xwietha u tatha lix-xiħ. Imxiet bix-xiħ fuq daharha





sakemm waslu ħdejn il-baħar u daħlu ġo għar kbir. "Issa, ara," qal ix-xiħ, "jien se nimtedd u mmut għax ili ħafna ngħix. Kulma ssib, ħudu. Ħa nħallik u nixtieqlek kull ġid." Ix-xiħ imtedd u minuta wara miet. Xepaxupù ħarset madwarha u ħlief dlam ma ratx. "Tajjeb, ħej," ħasbet bejnha u bejn ruħha, "dak il-grazzi li ħadt, qlajt dahri biex kulma sibt kien id-dlam. M'hemmx x'tagħmel, nieħu d-dlam miegħi." Difnet lix-xiħ, qabdet id-dlam u reġgħet bdiet miexja. Miexja, miexja, miexja, Xepaxupù nnutat li x-xemx ma telgħetx, imma fil-bogħod, fil-baħar rat dawl żgħir qisu ta' lampa u mxiet lejh, bid-dlam fuq daharha, sa ma resqet fil-qrib u indunat li kienet dgħajsa kbira.

"Hemm xi ħadd abbord?" għajtet, iżda ħadd ma wieġeb. Allura Xepaxupù telgħet fuq id-dgħajsa bid-dlam magħha, fetħet il-qlugħ, u ħalliet ir-riħ iġorrha. X'aktarx li ma damitx wisq ma raqdet. Bit-tqandil li qandlet, kienet għajjiena mejta. Malli qamet, id-dgħajsa kienet qiegħda titbandal ġo bajja żgħira mimlija ramel. Xepaxupù qamet biex tinżel imma malli qamet ħadet ħasda kbira: xagħarha kien twal ħafna u kien bjad ukoll u meta ħarset lejn idejha rathom naqra mkemmxin. Bid-dlam fuq spallejha u b'xagħarha jkaxkar warajha, Xepaxupù bdiet miexja qalb il-blat, u mbagħad qalb l-għelieqi, u mbagħad qalb is-siġar imbagħad ħdejn il-blat fejn reġa' feġġ il-baħar. Hemmhekk sabet dgħajsa oħra tistennieha, rikbet u ħalliet ir-riħ iġorrha. Imma did-darba ma għalqitx għajn m'għajn, anzi, qagħdet bilwieqfa fuq il-pruwa tħares lejn il-vojt ta' quddiemha, sakemm lemħet l-art.



Malli niżlet, mgħobbija bid-dlam, rat mara bilqiegħda fuq ir-ramel tibki. "Dan għala qiegħda tibki?" staqsietha. "Qiegħda nibki għax ir-Re seraqli lit-tifel u kielu għall-kolazzjon." Kompliet miexja u rat mara oħra tibki iktar minn ta' qabilha. "U int xi ġralek biex qiegħda tibki dal-biki kollu?" "Għax ir-Re ħadli ż-żewġt itfal li kelli u kielhom għal nofsinhar," wieġbet l-oħra. Imxiet naqra oħra u lemħet raġel jibki u jixher u jqatta' xagħru. "Dal-biki kollu l-għala?" staqsietu Xepaxupù. "Għax ir-Re ħadli l-mara u t-tfal u kielhom qabel raqad." Xepaxupù mxiet dritt lejn il-Kastell tar-Re, libset id-dlam, u baqgħet dieħla sal-kamra tal-pranzu fejn ir-Re kien għadu jlaqqat il-platt. Bid-dlam li daħal fil-kamra tal-pranzu, ir-Re ma beda jara xejn, lanqas lil Xepaxupù. Sejjaħ lis-suldati, iżda lanqas dawn ma bdew jaraw. F'daqqa waħda, kulħadd sema' għajta kbira, daħlu suldati oħrajn bit-torċi u raw ras ir-Re titgerbeb mal-art.

F'dak il-pajjiż kien hemm festi kbar u n-nies riedu jagħmlu lil Xepaxupù r-reġina tagħhom. Il-problema kienet id-dlam: ħadd ma seta' jissaporti d-dlam il-ġurnata kollha, jum wara jum. Allura Xepaxupù qabdet id-dlam u dendlitu mal-ħajt ta' wara tal-palazz, u huwa proprju għalhekk li l-palazz tagħha swied u baqa' iswed għal dejjem.

Li żgur għadu ħadd ma fehem huwa għala biż-żmien bdew ifiġġu tfal li tinżel kemm tinżel xita ma jixxarrbux. U lanqas ħadd ma fehem għala fil-kamra fejn torqod ir-Reġina, hemm siġra kbira tal-mandolina.

**Immanuel Mifsud**

# Aħseb u wieġeb



## A

1. X'jisimha r-Reġina ta' din il-ħrafa u xi kemm ilha teżisti?
2. Min baqa' jirrakkonta l-istejjer li kien hemm miktubin fil-kotba?
3. X'ordna l-missier meta ma felaħx iktar għall-biki ta' bintu?
4. X'ġara lil Xepaxupù sa ma hi u l-iqsar suldat waslu ħdejn il-Ħofra tas-Silġ?
5. Għaliex ir-raġel ix-xiħ ma kienx jixxarrab bix-xita?
6. X'talabha tagħmel ix-xiħ?
7. X'ħadet magħha minn ġol-għar?
8. Xi skopriet Xepaxupù meta qamet mir-raqda fuq id-dgħajsa l-kbira?
9. Min qatel lir-Re l-kattiv?
10. Għaliex taħseb li fil-kamra tar-Reġina hemm siġra tal-mandolina?

## B

Inħarsu mill-qrib lejn il-ħrafa ta' Immanuel Mifsud.

1. Nibdew billi naraw għaliex din l-istorja nsejħulha ħrafa. Għaliex ħrafa u mhux leġġenda? X'differenza hemm bejn ħrafa u leġġenda?
2. Inħarsu lejn il-karattri tal-ħrafa. Insibu żewġ rejiet, raġel xiħ u reġina. Minn dawn l-erba' karattri, liema karattru huwa l-iktar importanti?
3. Fi ħrafa dejjem ikollna l-ħażin u t-tajjeb. Min huma l-karattri l-ħżiena u l-karattri t-tajbin?
4. Hemm ukoll persuna li tgħin lill-protagonista (il-karattru prinċipali tal-ħrafa). Min hi?
5. F'din il-ħrafa hemm għadd ta' stramberiji. Tista' ssemmi tliet stramberiji li qatt ma jistgħu jiġru fir-realtà?

*Għal aktar informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-ħrafa, ara s-sezzjoni tal-kitba.*

Ħaġa moħġaġa:
Fix-xitwa mlibbsa
u fis-sajf
imneżżgħa.